# ID-DAWL

MARZU 2018 NUMRU 3


## “Qimu ’l Alla u kunu ġenerużi...”



L-Imġiba Tajba | Is-Servizz għall-Umanità | Relazzjonijiet mal-Ġirien | In-Nisa jitqiesu Inferjuri?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# L-IMĠIBA TAJBA

L-għajnuna lil ħaddieħor hija waħda mill-iktar aspetti importanti tal-ħajja tal-bniedem. L-għajnuna lill-oħrajn iġġib sentimenti tajbin u sodisfazzjon tal-qalb. L-Iżlam jgħallimna biex ngħinu lill-oħrajn u jgħid li dawk li juru simpatija u mġiba tajba huma nies tassew ixxurtjati.

Abu Ħurajra[ra], jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

"Kull min iserraħ lil xi bniedem li jemmen minn xi saram ta' din id-dinja, Alla jserrħu minn xi saram ta' Jum il-Ħaqq.

U min jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, Alla jgħinu f'din id-dinja u fl-Oħra. U min jostor xi nuqqas ta' wieħed emmien, Alla jostru f'din id-dinja u fl-Oħra.

Alla jgħin lill-qaddej li jgħin lil ħuh. U min jaqbad it-triq tal-għerf, Alla jħaffiflu t-triq li twassal għall-Ġenna. Kull meta xi ġemgħa ta' nies tinġabar f'waħda mid-djar ta' Alla biex taqra l-Ktieb u dawn jgħallmuh lil xulxin, jinżel fuqhom ir-rahan tas-sliem, tgħattihom il-ħniena, l-anġli jduru magħhom, u Alla jsemmihom ma' dawk li jinsabu għandu.

Min jibqa' lura minħabba l-għemil ħażin tiegħu, ma jkunlu ta' ebda siwi l-isem tajjeb tal-familja tiegħu." (Muslim)

---


**ID-DAWL**

Marzu 2018 – Numru 3 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**


**IMĦABBA**
**GĦAL KULĦADD**
**MIBEGĦDA**
**GĦAL ĦADD**

---

Jekk tridu tirċievu kopja elettronika fil-futur ta' **ID-DAWL**, iktbulna: **amjmalta@gmail.com**
Jew aqraw **ID-DAWL** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**


Il-Qoxra: Mythja | shutterstock | Stampa p.4: MadPixel | shutterstock | Stampa p.7: Brian A Jackson | shutterstock

# KUNU ĠENERUŻI

"U qimu 'l Alla u tqabblu xejn Miegħu, u kunu ġenerużi mal-ġenituri, u mal-qraba, u mal-iltiema, u ma' dawk fil-bżonn, u mal-ġar li hu qarib, u mal-ġar li hu barrani, u mal-kollega li jinsab maġenbkom, u mal-vjaġġatur, u ma' dawk li jinsabu f'idkom il-leminija. Tassew, Alla ma jħobbx lil dawk li huma mkabbrin u faħħarin." (Il-Koran Imqaddes, 4:37)

# IS-SERVIZZ GĦALL-UMANITÀ

Ġurnata waħda l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien qed jitkellem ma' sħabu u qal li f'Jum il-Ħaqq Alla se jikkonfrontahom u jgħidilhom li:

**"Kont marid u inti ma staqsejtx dwar saħħti."**

Il-bniedem se jgħid: "O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, u qatt ma timrad, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna."

Alla se jgħid: "Le, wieħed mill-qaddejja Tiegħi kien marid u kellek tistaqsi dwar saħħtu u kont issibni hemm."

U wara dan se jkompli jafferma u se jgħid: "Kelli l-ġuħ u ma tajtnix ikel, kelli l-għatx u ma tajtnix ilma, ma kellix libsa u ma libbistnix."

U kull darba l-bniedem se jgħid: "O Alla Inti s-Sid tad-dinja kollha, għandek kollox, u ma kellekx bżonn tal-għajnuna tagħna."

Alla se jgħid: "Wieħed mill-qaddejja Tiegħi kellu bżonn ta' dawk l-affarijiet." U kull darba se jgħid:

**"Li kieku inti għamilt dan kollu, kont issibni hemm."**

Din it-tradizzjoni turi biċ-ċar li jekk trid tiltaqa' ma' Alla tiegħek u tirbaħ l-imħabba Tiegħu, għin lil dawk fil-bżonn.

Ejjew nagħmlu s-servizz għall-umanità l-mira u l-oġġettiv mixtieq u mitlub tagħna. Ejjew niddedikaw lilna nfusna għall-ħidma u għas-servizz tal-umanità biex nirbħu l-pjaċir ta' Alla.

# KIF GĦANDNA NITTRATTAW IL-ĠIRIEN

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dejjem ittratta l-ġirien tiegħu b'ġenerożità u rispett kbir. Huwa kien jgħid li l-Anġlu Gabriel tant kien jagħmel enfasi dwar ir-rispett lejn il-ġirien li huwa xi kultant kien jaħseb li l-ġirien għandhom jitniżżlu b'mod leġittimu mal-werrieta. Abu Dharr[ra] jirrakkonta li l-Qaddis Profeta[sa] darba qallu:

**"Abu Dharr[ra], waqt li qed issajjar il-brodu għall-familja tiegħek, żid naqra aktar ilma ħalli jkun hemm biżżejjed għall-ġar tiegħek."**

Dan ma jfissirx li l-ġirien m'għandhomx jiġu mistiedna biex jaqsmu affarijiet oħra, iżda, minħabba li l-Għarab kienu poplu li jiċċaqlaq minn post għal ieħor, u l-brodu kien l-ikel favorit tagħhom, il-Qaddis Profeta[sa] rrefera għal dan il-platt bħala wieħed tipiku u għallem li wieħed m'għandux jaħseb fuq it-togħma tal-ikel aktar milli jħoss l-obbligu li jaqsmu mal-ġar tiegħu.

Abu Ħurajra[ra] jirrakkonta: "Darba waħda l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: **'Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx! Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx! Nixhed f'isem Alla: Huwa ma jemminx!' Sħabu staqsewh: 'Min?' Qalilhom: 'Dak li ġaru mhux imħares mill-ħażen tiegħu.'"**

"Darba waħda waqt li kien qed jindirizza n-nisa, huwa qal: **'Jekk xi ħadd isib biss sieq ta' mogħża xi jsajjar, dik il-persuna xorta għandha taqsamha**



**mal-ġirien tagħha.'** Huwa talab lin-nies biex ma joġġezzjonawx li l-ġirien tagħhom iwaħħlu l-imsiemer mal-ħitan jew jagħmlu użu ieħor minnhom jekk dawn ma jkunux qed joħolqu inkonvenjent."

Abu Ħurajra[ra] jirrakkonta: "Il-Profeta Muħammad[sa] qal: **'Kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, ma għandux iweġġa' lil ġaru, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jagħti ġieħ u jkun ġeneruż mal-mistiedna tiegħu, u kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, għandu jgħid biss dak li hu tajjeb, inkella jiskot."** (*Life of Muhammad[sa], p.232-233*)

## GĦERF PROFOND

"Dak kollu li jinsab fis-smewwiet u fl-art jigglorifika 'l Alla. Huwa s-Setgħani, l-Għaqli." (Il-Koran Imqaddes, 57:2)

Hija magħrufa l-istorja ta' meta darba persuna stretta żaret ġnien. Dan ra li l-frotta fuq siġra tal-mango kienet żgħira filwaqt li qargħa kbira kienet ħierġa minn fergħa delikata.

Huwa ħaseb li għalkemm in-nies jgħidu li Alla, is-Setgħani, huwa mimli bl-għerf, ma seta' jara l-ebda għerf filli jkollok frott żgħir fuq siġra kbira u qargħa kbira mdendla ma' fergħa delikata.

Wara, huwa niżel biex jieħu nagħsa taħt l-istess siġra tal-mango. Kien rieqed meta f'daqqa nqalgħet mango, waqgħet u ġiet b'saħħa fuq rasu. Huwa qam malajr kollu konfuż u qal: "Aħfirli, O Mulejja, issa qed nifhem l-għerf tiegħek. Kieku l-qargħa waqgħet fuqi, kieku bħalissa żgur mejjet."

# L-IMĦABBA GĦAT-TFAL

Darba n-neputijiet tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ġew jagħmlulu żjara. Huwa refagħhom u bieshom u għannaqhom b'għożża. Wieħed bedwin li kien qed iħares lejh qallu: "Ja Messaġġier ta' Alla, aħna qatt m'urejna mħabba lejn uliedna bħalma għamilt int." Il-Profeta wieġbu, "Jekk inti nieqes mill-imħabba u l-ħniena għal uliedek, jien x'nista' nagħmel?"

# FL-IŻLAM IN-NISA JITQIESU INFERJURI GĦALL-IRĠIEL?

Kumpann tal-Profeta Qaddis Muħammad, is-sliem għalih, darba staqsieh "Min hi dik il-persuna li l-iktar jixirqilha trattament tajjeb u kumpanija tajba mingħandi?" Il-Profeta wieġbu: **"Ommok."**

Il-kumpann imbagħad staqsieh, "U min warajha?" Il-Profeta wieġeb, **"Ommok"**.

Il-kumpann imbagħad staqsa l-istess mistoqsija għat-tielet darba u li għaliha l-Profeta reġa' ta l-istess tweġiba. Meta l-kumpann staqsa l-istess mistoqsija għal darb'oħra, il-Profeta mbagħad qallu, "Missierek u mbagħad qraba oħra fil-qrib." (Bukhari)

Din it-tweġiba waħedha hi biżżejjed biex topponi l-idea żbaljata li n-nisa huma inferjuri għall-irġiel fl-Iżlam, u partikolarment turi kemm l-Iżlam jagħti importanza lir-rispett li għandha tingħata l-omm mingħand uliedha.

**Skont l-Iżlam dawk kollha li jemmnu huma ndaqs u huma biss l-għemejjel it-tajba li jgħollu persuna 'l fuq minn oħra.**

Madankollu, l-Iżlam jirrikonoxxi wkoll li din l-ugwaljanza ma tfissirx li l-irġiel u n-nisa huma l-istess fejn jidħlu l-ħiliet u r-rwoli li jkollhom. Jitqiesu l-kompetenzi differenti tagħhom kemm fiżiċi kif ukoll emozzjonali u minħabba f'hekk jitfasslu l-aktar rwoli importanti tagħhom fil-ħajja. Kull rwol ma jirriflettix superjorità jew inferjorità, iżda għandu x'jaqsam ma' ħila naturali u dmirijiet adattati.

Pereżempju, l-irġiel ġew assenjati d-dmir li jaħdmu u jipprovdu għall-familja tagħhom waqt li n-nisa ġew mogħtija r-rwol tal-maternità u li jieħdu ħsieb id-dar.

**L-Iżlam jagħti lil dawn it-tnejn l-istess importanza u jenfasizza li dawn ir-rwoli la huma esklussivi u lanqas inflessibbli, jiġifieri, l-Iżlam ma jipprojbixxix lin-nisa milli jaħdmu jew milli jservu lis-soċjetà, lanqas ma jeħles lill-irġiel mill-parti tagħhom tar-responsabbiltà għal uliedhom, għad-dar u għall-familja.**

Fl-Iżlam mara għandha d-dritt li tkun is-sidt individwali ta' propjetà. Jekk tkun miżżewġa u tagħżel li taħdem, imbagħad il-flus li taqla' jkunu tagħha u r-raġel m'għandu l-ebda dritt fuqhom, waqt li r-raġel irid jipprovdi finanzjarjament għall-familja kollha. Kull propjetà li mara takkwista bl-isforz tagħha biss, jew forsi wirtet jew irċeviet bħala legat jew rigal, hija tagħha indipendentement minn żewġha.

**L-Iżlam ukoll ta lin-nisa d-dritt tal-wirt u huma jirċievu s-sehem tagħhom kif inhu ordnat mix-Xarijah (il-Liġi Iżlamika). Din l-indipendenza ekonomika tan-nisa kienet stabbilita mill-Iżlam ħafna qabel drittijiet simili ngħataw lin-nisa fid-dinja moderna.**

Fir-Renju Unit, pereżempju, hu sew magħruf li mara miżżewġa ma setax ikollha l-propjetà tagħha sal-1882 meta l-ewwel Att tal-Propjetà għal Nisa Miżżewġa għadda mill-Parlament.

Il-Profeta Qaddis Muħammad, is-sliem għalih, eżalta l-istatus intellettwali u spiritwali tan-nisa. Il-Profeta Qaddis Muħammad, is-sliem għalih, kien jaf kemm ir-rwol tan-nisa kien importanti fl-iżvilupp tas-soċjetà, għalhekk huwa għamel enfasi kbir fuq kif jittellgħu l-bniet billi qal:

**"Raġel li għandu żewġt ibniet u jtellagħhom u jedukahom mill-aħjar li jista' u jżewwiġhom għandu dritt għall-ġenna." (Meta sema' dan) wieħed staqsa: "O Profeta ta' Alla, x'jiġri jekk ikollu tifla waħda?" Hu wieġeb, "U (anki) waħda."**



INVITATION

# PEACE SYMPOSIUM 2018



## THE CHALLENGES OF 21ST CENTURY, EDUCATION AND PEACE

**FRIDAY 16TH MARCH**
**6:00PM - 8:00PM**

**THE WATERFRONT HOTEL**
**THE STRAND SLIEMA**

## - SPEAKERS -

**HON. EVARIST BARTOLO**
Minister for Education & Employment

**HON. CLYDE PULI**
Shadow Minister for Education

**MR. JOE DIMECH**
Journalist / News Anchor

**REV JOHN A. BERRY**
Lecturer Faculty of Theology

**IMAM LAIQ AHMED ATIF**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

The Event is open to all members of the public.
Limited places - If interested kindly contact
**79320139** or **amjmalta@gmail.com**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**